MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1178/1998/1

***Cyberton Limited***

***Vs***

***Joseph Felice***

Illum 30 ta’ April 2003
Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta’ attrici, wara li **ppremettiet**:

illi l-konvenut gie impjegat bhala Multi Media Developer mas-socjeta’ attrici fl-1 ta’ Jannar 1997, skond kuntratt ta’ impjeg – dokument A;

illi fit-22 ta’ Lulju 1997, is-socjeta’ attrici tterminat l-impieg tal-konvenut;

illi l-konvenut ressaq il-kaz tat-terminazzjoni tal-impjeg tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali minhabba tkeccija li hu allega li kienet ingusta;

illi fid-decizjoni tieghu (numru 938) moghtija fit-23 ta’ april 1998 it-Tribunal Industrijali:

- iddecieda li t-tkeccija mill-impjieg ma saritx ghar-raguni gusta u sufficjenti u ordna li l-konvenut jinghata kumpens ta’ Lm2,300 li jigu mhallsa fi tlett pagamenti ugwali kull xahar, bl-ewwel pagament isir fis-27 ta' A’ril 1998;
- ordna wkoll illi Artikolu 8 tal-Ftehim (tal-impjieg) ma ghandux effett fir-rigward tal-appellant ghax imur kontra d-dritt tal-liberta tal-impjieg.

illi l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal tikkostitwixxi interpretazzjoni erronea tal-provvedimenti statutorji rilevanti ghall-kaz u tal-fatti, u inoltre l-istess Tribunal Industrijali agixxa ultra virres u naqas li jassikura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz, u li dan isir bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali;

illi d-decizjoni tal-istess Tribunal tinjora kompletament il-kuntratt tax-xoghol tal-konvenut, anzi tmur kontra l-pattijiet u kundizzjonijiet ohra tal-impieg, mghamula bil-miktub permezz tal-imsemmi kuntratt tax-xoghol, liema ftehim bil-miktub jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu;

illi konsegwentement id-decizjoni imsemmija tal-istess tribunal Industrijali hija erronea, nulla u ma ghandu jkollha ebda effett fil-ligi u m’ ghandhiex taghmel stat bejn il-partijiet;

**Talab** li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddecidi illi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali numru 938 fil-kwistjoni ta’ xoghol bejn Joseph Felice u Cyberton Limited hija erronea u konsegwentement nulla in kwantu hi *ultra vires*, tmur kontra l-kuntratt li jirregola l-pattijiet u kundizzjonijiet ohra

tal-impieg u ma assiguratx illi l-gustizzja ssir skond il-meritu tas-sustanza tal-kaz u kwindi l-istess decizjoni ma taghmilx stat bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, minn issa ngunt biex jidher u ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

illi t-talba attrici hija nfondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, peress illi l-meritu ta' decizjoni tat-Tribunal Industrijali ma jistax jigi revokat, u d-decizjoni *de quo* ma hijex *ultra vieres* u lanqas hija ngusta – B' riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti tal-osservazzjoni tas-socjeta' attrici;

Rat li fil-31 ta' Jannar 2003 l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:-

***Kwadru tal-fatti***
Illi mill-provi migjuba ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi fl-1 ta' Jannar 1997 is-socjeta' attrici mpjegat lill-konvenut bhala Multi Media Developer taht il-kondizzjonijiet indikati fil-kuntratt ta' impjieg li sar bejniethom.

Illi fost il-kondizzjonijiet tal-impjieg hemm klawsola intestata Article 8 li taqra hekk: *"The employee binds himself that, should employment with Cyberton Ltd. be terminated, he shall in no way use any knowledge or skill acquired by him through his above-mentioned term of*

*employment with Oberon Labs and Cyberton Ltd. to the advantage of any other company, body or institution that may be construed to be in competition with Cyberton Ltd. This article shall be deemed as effective for a period of two years from the date of the employee's termination of employment with the company. This article is without prejudice to the employee's statutory rights. (fo.6)*

Illi fit-22 ta' Lulju tal-istess sena, l-istess socjeta' baghtet ittra lill-konvenut fejn in sostanza informatu li kienet qed titterminalu l-impieg tieghu fuq il-bazi li *"the position for which you (il-konvenut) were engaged does not fall within your competence"*

Illi l-konvenut hassu ruhu aggravat u ressaq il-kaz tieghu, skond il-ligi, quddiem it-Tribunal Industrijali li fit-23 ta' April 1998 ta d-decizjoni tieghu (numru 938).

Illi skond din id-decizjoni, it-tribunal, wara li ezamina d-dokumenti esebiti quddiemu u wara li ha konjizzjoni tal-versjonijiet tal-fatti kif esposti mix-xhieda, wasal ghall-konkluzjoni li t-tkeccija tal-konvenut Joseph Felice mill-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici *"ma saritx ghar-raguni gusta u sufficjenti u jordna li jinghata kumpens ta' elfejn u tlett mitt lira maltin (Lm2,300) li jigu mhallsa fi tlett pagamenti ugwali kull xahar"* u inoltre, ordna li l-*"Artikolu 8 tal-ftehim ma ghandux effett fir-rigward tal-appellant ghax imur kontra d-dritt tal-liberta' tal-impjieg" (fols.46-47)*

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

*Osservazzjonijiet guridici*

Illi in tema legali, il-Qorti tosserva li l-aspett gurisdizzjonali tal-kwistjoni li ghandha quddiem din il-Qorti jinsab regolat bl-Artikoli 28, 31(3) u 32(4) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap.266) kif interpretat u applikat f' diversi kazijiet mill-Qrati taghna. Il-Qorti tosserva li fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kopjuza f' dan ir-rigward, li l-posizzjoni legali hija s-segwenti.

Illi l-organu gudizzjarju jew ahjar kwazi gudizzjarju li ghandu **gurisdizzjoni** sabiex jiddecidi kwistjonijiet dwar allegazzjoni ta' keccija ingusta mill-impieg huwa t-Tribunal

Industrijali. Dan it-tribunal ghandu gurisdizzjoni **esklusiva** konferita lilu b' ligi specjali, cioe' bl-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, sabiex jiehu konjizzjoni ta' dawn il-kazijiet, b' mod li l-Qrati ordinarji huma ezawtorati milli jezaminaw u jiddeciedu kazijiet ta' din ix-xorta. L-istess Tribunal ghandu ukoll il-poter esklusiv li **jipprovdi rimedju adegwat** li jista' jiehu l-forma jew ta' reintegrazzjoni fil-jeddijiet tal-persuna aggravata ekwivalenti ghar-*reinstatement* fl-impieg, jew fil-forma ta' kumpens finanzjarju.

Illi l-istess ligi li tikkonferixxi din il-gurisdizzjoni lit-Tribunal Industrijali, tistabilixxi l-parametri tal-operat tieghu. Dan johrog car mid-dispost tas-sub inciz (3) tal-Artikolu 31 fejn, wara li dan jghati lit-Tribunal is-setgha li jirregola l-procedura li jadopera, l-istess Artikolu stipulat hekk: *"Tkun xi tkun il-procedura li tigi wzata, it-Tribunal ghandu jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tat-sustanza tal-kaz; u, bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali....;* inoltre s-sub inciz (4) tal-Artikolu 32 jiddisponi li: *"It-Tribunal m' ghandux jaghti xi sentenza jew decizjoni li tkun kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impieg."* Dawn huma l-parametri li fihom ghandu jiffunzjona t-Tribunal Industrijali li ghandu jassigura li l-operat tieghu jkun *intra vires* is-setghat lilu moghtija.

Illi huwa proprju f' dan il-kuntest li l-gurisprudenza kostanti rrikonoxxiet l-gurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji biex jissindikaw l-operat u d-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali bil-ghan li jigi stabbilit jekk dan agixxiex skond is-setghat moghtija lilu bil-ligi.

Din il-gurisdizzjoni pero' hija limitata ghal meta it-tribunal fl-operat tieghu jmur *ultra vires* s-setghat moghtija lilu bil-ligi; u/jew ghal meta ma jassikurax li l-gustizzja issir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz; u li din tkun bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali; u/jew meta d-decizjoni tat-Tribunal tkun kontra d-dispost tas-sub inciz 4 tal-Artikolu 32 fuq citat. *(Vide Onor.Qorti tal-Appell* ***John Holland noe et vs Julian Schembri*** *deciza 20 ta' Mejju 1991****;*** ***Reno Alamango vs Mary Rose Ciantar*** *deciza 29 ta'*

*Mejju 1991;* ***Joseph Sammut vs Francis Vassallo nomine*** *deciza 19 ta' Mejju 2000;* ***Avukat Dottor Carmel Chircop vs Awtorita' Marittima ta' Malta*** *deciza 5 ta' Ottubru 2001; Prim Awla (GV)* ***Coreschi Limited vs Maria Coreschi*** *deciza 30 ta' Mejju 2001; Prim Awla (RCP****) Mario Magri vs HSBC Bank (Malta) plc*** *deciza 14 ta' Marzu 2002; Prim Awla (CD)* ***Ray Fenech noe vs Victor Fiorentino*** *deciza 26 ta' Novembru 2002 – u gurisprudenza kopjuza citata f' dawn is-sentenzi)*

***Is-sottomissjonijiet tal-partijiet***

Illi t-talba attrici hija diretta biex din il-Qorti tiddikjara erronew u null dan il-lodo tat-Tribunal Industrijali; u l-attrici qeda tibbaza l-kaz taghha fuq zewg pilastri li fin-nota tas-sottomissjonijiet prezentata minnha ddeskriviet hekk: *"(i) It-Tribunal naqas li jassigura li ssir gustizzja skond il-meritu tas-sustanza tal-kaz; (ii) It-Tribunal Industrijali agixxa ultra vires meta mar kontra l-pattijiet stipulati fil-kuntratt ta' l-impjieg tal-konvenut mas-socjeta' attrici."*

Illi rigward l-ewwel argument tal-attrici, il-Qorti tosserva li, bil-mod kif dan gie sviluppat mill-attrici fin-nota taghha, dina qeda tistieden il-Qorti sabiex tghamel proprju dak li hija prekluza li taghmel bil-ligi fuq indikata. Kif gia fuq premess, l-apprezzament tal-provi huwa kompitu esklusiv tat-Tribunal u din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tat-Tribunal li quddiemu jkunu ngabru u nstemghu l-provi. Il-Qorti hija ezawtorata milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-aspett tal-vertenza; b' mod li jekk it-Tribunal ghazel li jaccetta verzjoni ta' naha u jibbaza d-decizjoni tieghu fuq din il-verzjoni tal-fatti, anke jekk din il-Qorti <u>ghall-grazzja tal-argument</u> ma tkunx qablet mal-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal, xorta wahda l-Qorti ma tistax tiddisturba id-decizjoni. F' dan ir-rigward il-legislatur ried li t-Tribunal ikollu gurisdizzjoni <u>esklusiva</u>.

Illi l-obbligu tat-Tribunal Industrijali li jassigura li ssir gustizzja skond il-meritu tas-sustanza tal-kaz, ma jimmilitax kontra il-premess, jew kontra l-dispost car tal-Artikolu 28 tal-istess Kap. imma ghandu jigi nterpretat fis-sens illi d-decizjoni tigi disturbata unikament jekk mill-qari

tieghu jirrizulta *"tant irrazzjonali li jkun xhieda ta' mala fede."*[1] Huwa f' dawn il-kazijiet ovvji u estremi li l-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni li t-Tribunal naqas mill-obbligu tieghu li jassigura li ssir gustizzja skond il-meritu tas-sustanza tal-kaz.

Illi fil-kaz in disamina, ma hemm xejn li jista' jwassal ghal din il-konkluzjoni. Il-Qorti tosserva li minn qari tad-decizjoni jirrizulta li fil-kaz quddiem it-Tribunal kien hemm zewg versjonijiet ta' fatt rigwardanti l-agir u l-kompetenza professjonali tal-konvenut. Kien hemm il-versjoni moghtija mix-xhieda mressqa mis-socjeta' attrici, u l-versjoni tax-xhud li pproduca l-konvenut, u jidher car mid-decizjoni, li t-Tribunal accetta l-versjoni sostnuta mill-konvenut kif ukoll ta valur probatorju qawwi lil uhud mid-dokumenti esebiti matul il-process, skond id-diskrezzjoni esklusiva tieghu konferita lilu bil-ligi,. Certament jesorbita mill-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tesamina u tissindika l-piz li t-Tribunal dehrlu li kellu jghati lil xi element ta' prova migjub quddiemu.

Illi in konkluzjoni din il-Qorti hi tal-fehma li ma hemm xejn x' jindika li t-Tribunal fil-qadi tal-funzjoni tieghu ma wettaqx l-obbligu tieghu li jassigura li ssir gustizzja ai termini tas-sub inciz 3 tal-Artikolu 31; u ghalhekk din is-sottomissjoni tas-socjeta' attrici hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Illi rigward it-tieni argument tas-socjeta' attrici li hu fis-sens li t-Tribunal agixxa *ultra vires "meta mar kontra l-pattijiet stipulati fil-kuntratt ta' l-impjieg tal-konvenut mas-socjeta' attrici"*, il-Qorti tosserva li dan l-argument huwa bazat fuq il-fatt li fid-decizjoni tieghu t-Tribunal, wara li ffissa l-kumpens konsegwenzjali ghad-decizjoni primarja li t-tkeccija tal-konvenut kienet ingusta, ordna li l-Artikolu 8 fuq citat, tal-ftehim *"ma ghandux effett fir-rigward tal-appellant ghax imur kontra d-dritt tal-liberta' tal-impieg" (fol.47)*

[1] Vide – ***Prim Awla (CD) Ray Fenech noe vs Victor Fiorentino*** *(supra)*

Illi fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut in sostenn ta' din il-parti tal-lodo argumenta li gia la darba t-Tribunal iddeciedi li s-socjeta' attrici kienet naqset mill-obbligi taghha skond il-ftehim tal-impjieg billi kecciet lill-konvenut ingustament, huwa kellu s-setgha u l-obbligu jiddeciedi jekk il-konvenut kellux jibqa' vinkolat bil-limitazzjoni tal-imsemmi artikolu; u sostna li *"Huwa principju rikonoxxut li hadd ma ghandu jipprofitta ruhu minn nuqqas li huwa ikun ikkommetta u t-Tribunal li huwa marbut jimxi skond l-ekwita' kellu s-setgha u l-obbligu li jiddeciedi li l-konvenut li kien tkecca ngustament ma jibqax ippregudikat bir-rabta u l-limitazzjoni tal-artikolu 8.." (fol.13)*

Illi in propositu l-Qorti tosserva li l-gurisdizzjoni <u>esklusiva</u> li ghandu t-Tribunal giet konferita b' ligi specjali <u>b' deroga tal-gurisdizzjoni generali tal-Qrati ordinarji</u>, salv fil-kazijiet fuq indikati;  u ghalhekk din il-ligi m' ghandhiex tigi interpretata b' mod estensiv tali li tinkludi setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghet tat-Tribunal.  Fi kliem iehor is-setghat li ghandu t-Tribunal huma dawk espressament konferiti lilu  bil-ligi u indikati fl-istess ligi;  u mhux permess li jinholqu setghat ohra b' applikazzjoni ta' normi generali.

Illi  l-Artikolu relevanti ghall-finijiet tal-esercizju odjern huwa l-Artikolu 33 li jipprovdi dwar ir-rimedju li jista' jghati t-Tribunal f' kaz ta' sejbien ta' tkeccija ngusta.  Dan l-Artikolu jikkontempla zewg rimedji li jista' jghati t-Tribunal. Dan huma: ir-*reinstatement* fl-impieg u l-kumpens finanzjarju.  Minn imkien fil-ligi in disamina ma johrog li t-Tribunal, fid-decizjoni tieghu dwar ir-rimedju li jista' jghati, ghandu wkoll is-setgha li jbiddel jew inehhi jew jiddikjara bla effett xi wahda mill-Artikoli tal-kuntratt ta' l-impieg jew il-kundizzjonijiet fih stipulati.

Kif tajjeb issottomettiet is-socjeta' attrici il-funzjoni tat-Tribunal hija limitata biex tiddeciedi jekk kienx il-kaz ta' tkeccija gusta jew le;  u fir-rimedju li taghti, huwa marbut bit-termini tal-Artikolu 33<u>. It-termini tassattivi impjegati f' dan l-Artikolu ma jhalli ebda diskrezzjoni fl-ghazla tar-rimedju</u>.  Di fatti f' din il-parti tal-ligi, il-legislatur juza l-kliem *"it-Tribunal <u>ghandu</u> (fit-test Ingliz shall) jghamel*

*ordni”* fil-kaz ta’ *reinstatement*; u wkoll fil-kaz tar-rimedju tal-kumpens l-istess Artikolu jiddisponi illi fil-kaz li t-Tribunal ma jghamilx ordni biex l-impjegat jerga’ jidhol fl-impieg, *“it-Tribunal ghandu (shall) jordna l-ghoti ta’ kumpens..”* Ma hemmx ghazliet jew xi rimedji ohra.

Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li din is-sottomissjoni tas-socjeta’ attrici hija valida u ghandha tigi accettata fis-sens li din il-parti tad-decizjoni tat-Tribunal hija *ultra vires* is-setghet tieghu fil-ligi u ghalhekk m’ ghandhiex validita’ legali.

Din l-irregolarita’ pero’ ma tinkwinax il-kumplament tad-decizjoni u tirrendi kollox nulla, stante: (1) li kemm id-decizjoni dwar jekk it-tkeccija kienitx ingusta jew le, kif ukoll ir-rimedju finanzjarju moghti, huma permessi mill-ligi u saru *intra vires* is-setghet tat-Tribunal, u per konsegwenza huma validi; u inoltre, (2) dawn id-decizjonijet ma kienux bazati fuq jew influwenazati mid-decizjoni tat-Tribunal dwar Article 8; li hija decizjoni sekondarja.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, prevja rigett in parte tal-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa’ t-talba attrici limitatament kif fuq indikat, u tiddikjara *ultra vires* u nulla u bla effett dik il-parti tad-decizjoni tat-Tribunal kontenuta fit-tielet paragrafu tal-ahhar pagna tad-decizjoni fejn hemm imnizzel *“It-tribunal jordna wkoll illi Artikolu 8 tal-Ftehim ma ghandux effett fir-rigward tal-appellant ghax imur kontra d-dritt tal-liberta’ tal-impieg” (fol.47)*. Tichad it-talba attrici in kwantu ghall-kumplament u tiddikjara bhala valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-kumplament tad-decizjoni tal-istess Tribunal.

Illi in kwantu ghall-ispejjez din il-Qorti hi tal-fehma li, in vista tan-natura tal-kaz, dawn ghandhom jibqghu bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------